# Wirt Kulturali f'Birżebbuġa

***Ftit noti qosra fuq il-Kontroversja tat-Tempju ta' Melqart u Rovini kemm ta' Bori n-Nadur u l-Villa Rumana ta' Kaċċatura.***

**IT-TEMPJU TA' MELQART (ERKOLE)**

1. L-ewwel persuna li tkellem fuq dan it-tempju kien il-ġeografiku Ptolomew (196 A.D.) li ta l-ewwel lonġitudini u latitudini tiegħu. Skond Ptolomew, il-latitudini tiegħu kien ta' 38 grad u 45 minuta filwaqt li l-lonġitudini kien ta' 34 grad u 5 minuti.

2. L-awditur tal-Gran Mastru L'Isle Adam, J. Quintinus li ra l-fdalijiet tat-tempju fl-1528, kiteb li dan it-tempju kellu ċirkonferenza ta' tliet mili u li Ptolomew kien poġġa lill-maqdes f'dik il-parti ta' Malta li tinsab fix-Xlokk (fil-port ta' Marsaxlokk). Waqt li qabel ma' Ptolomew, huwa kompla jgħid li r-rovini kienu jikkonsistu f'ħaġar kbir u ta' ċerta ħxuna.

3. Jidher li Quintinus, kien qiegħed jirreferi għall-fdalijiet tat-Tempju ta' żmien il-Bronż f'Borġ in-Nadur u possibilment seta' nkluda ukoll il-fdalijiet t'Tas-Silġ, xi żewġ kilometri 'l bogħod. Kemm Fazello kif ukoll Haxac (Manuskritt Nru 465 tal-Bibljoteka Nazzjonali) jaqblu li t-Tempju ta' Melkart kien fejn illum hemm il-fdalijiet ta' Borġ in-Nadur.

4. L-istoriku Malti Gian Franġisk Abela jikteb li t-Tempju ta' Erkole kien jinstab f'Tas-Silġ. Dan jikkonfermah il-Konti Gian Antonio Ciantar fil-Abela e Ciantar. Però B. Niderstedt (Malta Vetus et Nova) li kiteb ftit tas-snin biss wara Abela, jikkonferma t-teorija li t-Tempju ta' Melkart kien fil-Bajja ta' San Ġorġ. L-istoriku Għawdxi Gian Piet Agius de Soldanis, fil-kitba tiegħu ta' l-1769 fuq l-istatwa ta' Erkole, jikkoreġi lil Niderstedt u jgħid li din instabet ħdejn il-Kappella tal-Madonna f'Tas-Silġ f'Marsaxlokk.

5. Jean Houel waqt li jikkonferma li t-Tempju nstab f'Tas-Silġ, mal-kitba tiegħu ta litografija ta' ħajt kbir ta' ġebel imdaqqas u jgħid li dan il-ħajt kien jifforma parti mit-Tempju ddedikat lill-alla Erkole.

6. Fil-bidu tas-Seklu 19, Onorato Bress kien għadu bejn ħaltejn fejn jinstab dan it-tempju. Waqt li fuq naħa jiddeskrivi l-ġebel kbir u jinċità lil Quintinus u Fazellus, min-naħa l-oħra jiddeskrivi l-litografija ta' Houel u jinċita' lil Abela u Ciantar.



**It-Tempju ta' Melqart**

7. Lejn l-aħħar tas-seklu 19, A.A. Caruana jerġa jdur għat-teorija li t-Tempju ta' Melqart jinstab fil-Qala ta' San Ġorġ u jiddikjara li t-teorija ta' Houel hija żbaljata. Il-Ġermaniż Albert Mayr iddikjara li t-Tempju ta' Borġ in-Nadur huwa preistoriku u li t-Tempju ta' Melqart kien jinstab fuq il-Għolja tas-Silġ.

8. Gatt Rutter iddikjara li "At the top of the hill above the bay (ta' San Ġorġ) once stood the temple of Hercules".

9. L-istoriku Gian Antonio Ciantar fl-1772 kiteb li xi bronż ta' żmien il-Feniċi li kien jintuża bħala ċappetti tal-bibien tat-Tempju ta' Melqart ittieħed sabiex minnu ssir qanpiena li tinsab fil-Knisja Kolleġġjali ta' San Lawrenz fil-Birgu.

**VILLA RUMANA F'TA' KAĊĊATURA**



**Fdalijiet Rumani f'Ta' Medwiet**

1. Il-Villa Rumana (Punika) li tinsab fix-Xagħra tal-Kaċċatura (Ta' Medwiet) hija villa tal-kampanja. Hija tinsab fil-Lbiċ ta' Għar Dalam.

2. L-ewwel skavi saru fl-1881, għalkemm munita ta' żmien il-Gran Mastru Pinto (1741-1773) li kienet instabet qalb l-iskavi ndikat li dawn setgħu bdew qabel.

3. F'Mejju, 1915, taħt is-supervizjoni ta' Dr Thomas Ashby, assistit minn Sir Temi Zammit, mgħejjun finanzjarjament minn Sir Rennell Todd, l-ambaxxatur Ingliż f'Ruma, Mrs. A.W. Van Buren (Miss E.M. Douglas), studenta tal-'British School of Archaelogy - Rome' (din ikkatalogat il-fuħħar kollu li nstab), l-iskavi setgħu jissuktaw.

4. L-iskavi ta' qabel is-sena 1915 kienu kixfu parti kbira mill-'peristilium'. Dr Filippo Vassallo kien għamel

xi abbozz ta' pjanta ta' l-iskavi tas-sena 1881 (dawn saru taħt is-superviżjoni ta' A.A. Caruana) u fihom inkluda xi partijiet tan-naħat t'isfel tal-bini kif ukoll il-ġiebja. Dawn il-pjanti kienu nstabu minn Sir Temi Zammit.

5. Il-Villa kienet tikkonsisti minn 'peristilium' imdawwar minn 16-il kolonna, taħtu bir imqatta' fil-blat imdawwar minn kmamar għal użu ieħor. Wara l-'peristilium' kien hemm taraġ li kien jieħu għal kmamar oħra. Bir ieħor, f'forma ta' qanpiena kien jilqà fih l-ilma żejjed tal-bir li tkellimt fuqu qabel. Permezz ta' kanali fil-blat samm, dawn iż-żewġt ibjar kien jingħaqdu ma' ġiebja xi 40 pied 'il bogħod.

6. Fuq din il-ġiebja kiteb Dr Cesare Vassallo fil-ktieb tiegħu 'Dei monumenti antichi del Gruppo di Malta (cenni storici)' - 1876 li kien tal-fehma li l-ġiebja kienet punika (ta' żmien il-Feniċi). Minħabba li din kienet mimlija bit-terrapin (dan tneħħa fuq l-insistenza ta' Salvatore Cachia Zammit) huwa ma setax jikkalkula l-għoli tagħha.

7. Barra l-bini, imma mhux ħafna bogħod fuq in-naħa tal-Majjistral, hemm speċi ta' vojt fil-blat li jidher li kien qiegħ ta' ġiebja li fiha kien jinħażen l-inbid jew iż-żejt.

8. F'Settembru tas-sena 1893, inbena ħajt sabiex jippriserva l-ġiebja.

9. Fi żmien il-Gwerra (1940-43), din il-villa sofriet xi ħsarat minn 'direct hit' fosthom:- inqalgħu xi ġebel ta' ħitan qodma, l-art ta' waħda mill-kmamar sfrondat, il-kolonni li kienu jiċċirkundaw il-'peristilium' waqgħu, kif ukoll kien hemm ħsarat fl-'impluvium' kif ukoll fil-ġiebja. Dawn ġew irranġati wara li għaddiet il-Gwerra.

10. Ftit 'il bogħod mill-Villa hemm qabar imħaffer fil-blat.

11. Fil-post magħruf bħala n-Nwadar fl-inħawi ta' Bengħisa jinstab ħajt li jidher li kien jagħmel parti minn Villa Rumana.

**BORĠ IN-NADUR**

1. Għalkemm Borġ in-Nadur litteralment tfisser fortizza fuq għolja, il-kumpless fih innifsu jikkonsisti f'bini ta' diversi fażijiet tal-preistorja Maltija:- dak megalitiku, dak ta' żmien ir-Ram kif ukoll ta' żmien il-Bronż.

2. Jinsab bejn Wied Dalam u Wied Saptan u jinkludi madwar żewġ ettaro (hectares) ta' art. F'Borġ in-Nadur, insibu bini megalitiku li jikkonsisti minn bitħa kbira ovali (madwar 28.5 metri mit-Tramuntana u 16.5 metri mill-Punent għal-Lvant bid-dħul għaliha min-nofs tal-faċċata li tħares lejn il-Lvant). L-intrata hija monumentali, xi 3 metri wiesgħa. Fuq in-naħa tal-punent hemm daħla żgħira li tagħti għall-bini fit-tond. Lejn it-Tramuntana tal-bieb monumentali jinstab dolmen fil-fortifikazzjoni ta' Borg in Nadur hemm u ħaġra kbira wieqfa (the great upright). Skond Dr Margaret A. Murray, dan il-bini seta' intuża aktar tard minn ċiviltajiet oħra.

3. Bejn is-snin 1922-1927, Dr Margaret A. Murray għamlet xi skavazzjonijiet ta' żmien il-Bronż. Dawn ġew ippubblikati fi tliet kotba bl-isem ta' "Excavations in Malta" - 1923-1929).

4. Għalkemm magħruf probabilment mis-16-il seklu (żmien il-Kavallieri), ħadd ma kien ta każ tiegħu. Xi skavazzjonijiet setgħu saru qabel l-1881, iżda dawn intilfu maż-żminijiet. Xi ħjiel żgħir dwaru jinstab fil-kitba ta' Gian Franġisk Abela (1647), Abela e Ciantar (1771), Houel (1798), Vassallo (1851 u 1876) fejn dan ta disinn tad-fdalijiet kemm ta' żmien il-Bronż kif ukoll ta' żmien ir-Ram li kienu jidhru dak iż-żmien, A.A. Caruana (li għalkemm fi żmienu sar xi studju, dan qatt ma nstab) u Mayr (1901). Fis-sena 1959, Trump għamel xi skavazzjonijiet ġodda u sab xi għarajjex ovali li wrew li wara l-ħajt fortifikat kien hemm speċi ta' Ċittadella.

5. Is-Sur ta' Borġ in-Nadur (c. 1450 Q.K.) huwa ta' żmien il-Bronż u huwa tip ta' bini magħruf bħala 'Cyclopean'. Huwa twil madwar 60 metru u l-għoli tiegħu jvarja bejn wieħed u ieħor minn 3.5 sa 4.5 metri u l-wisgħa 1.5 metri. Huwa magħmul minn ħaġar li jvarja bejn 2.2 metri u 0.7 metri, imqiegħed mingħajr ebda tikħil jew lavur.

6. Quddiem fejn xi darba kien hemm id-daħla għall-fortizza jidhru raddi tar-roti (Cart Ruts) ħerġin 'il barra lejn il-wied.

Michael Balzia



**Il-fortifikazzjoni ta' Borg in-Nadur madwar l-1450**